30 ta' Ġunju, 1954.

Imħallef:
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Giuseppa Sammut *versus* Grazia Refalo et.

**Leġittima — Wirt — Aċċettazzjoni — Att ta' Eredi — Minuri — Persuni Inkapaċi — Benefiċċju ta' l-Inventarju — Liċitazzjoni — Kapitalizzazzjoni tal-Kera — Art. 657 (1), 889, u 891 (3) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Id-debitur tal-leġittima huwa l-eredi; u għalhekk, f'kawża fejn tiġi mitluba l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-leġittima, hemm bżonn li jiġi verifikat min huma l-eredi.*

*Mhux biżżejjed li wieħed ikun imsejjaħ għal wirt, imma hemm bżonn li dan il-wirt ikun ġie aċċettat, espressament jew anki taċitament.*

*Il-fatt li l-eredi jinsabu mħarrkin f'kawża fil-kwalità tagħhom ta' eredi, u f'kawża li huma ma jistgħux isostnu ħlief fil-kwalità ta' eredi, mingħajr oppożizzjoni jew protesta da parti tagħhom, jimplika aċċettazzjoni taċita ta' l-eredità.*

*Imma ma jistax jingħad li hemm din l-aċċettazzjoni taċita minn dawk il-konvenuti li jkunu inkapaċi skond il-liġi; għax l-atti magħmula mill-inkapaċi ma jistgħux jippreġudikawhom, speċjalment meta għal dawn l-inkapaċi l-aċċettazzjoni ta' l-eredità ma tistax issir ħlief bil-benefiċċju ta' l-inventarju, u kull mod ieħor huwa null u ma jistax jinduċi aċċettazzjoni taċita ta' l-eredità.*

*Is-suġġeriment li l-leġittima tista' tiġi soddisfatta b'ammont likwidu flok in natura huwa kontra l-liġi, molto più meta ma jirriżultax il-kunsens ta' l-interessati kollha, jew meta fost l-interessati jkun hemm xi inkapaċi li ma jistax jagħti dak il-kunsens; kif lanqas ma huwa aċċettabili s-suġġeriment li l-valur ta' l-istabili jiġi stabbilit billi jiġi kapitalizzat il-kera, għax dan mhux dejjem kriterju żgur ta' valutazzjoni. U għalhekk, ladarba l-fond ma jkunx diviżibili komodament u mingħajr ħsara, il-fond komuni għandu jinbiegħ f'liċitazzjoni, billi huwa ġust li l-leġittimarji jibbenefikaw mill-konkorrenza tal-barranin fil-bejgħ ta' l-istess fond.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi, previa kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u provvediment opportun, billi fis-17 ta' Diċembru 1947 (dok. A) mietet intestata Viu-

cenza Refalo, omm l-attriċi Giuseppa Sammut u l-konvenuti Grazia, Giuseppe u Giovanni, aħwa Refalo; u billi fl-1 ta' Ġunju 1950 (dok. B) miet John Refalo, missier l-istess attriċi u t-tliet konvenuti aħwa Refalo, b'testment fl-atti tan-Nutar Francesco Catania tad-29 ta' Mejju 1950 (dok. C), fejn huwa ħalla bħala eredi universali tiegħu lil uliedu Grazia u Giuseppe u lil ulied l-attriċi f'partijiet ugwali, fil-waqt li eskluda lill-istess attriċi u lil ibnu l-ieħor Giovanni; talbet li dina l-Qorti tordna (1) il-likwidazzjoni ta' l-assi soċjali konjugali ta' l-imsemmijin Vincenza u John Refalo; (2) id-diviżjoni ta' dan l-assi f'żewż porzjonijiet ugwali, li jiġu assenjati waħda lill-assi partikulari ta' Vincenza Refalo, u l-oħra lill-assi partikulari ta' John Refalo; (3) il-likwidazzjoni ta' l-assi partikulari ta' Vincenza Refalo; (4) id-diviżjoni ta' dana l-assi bejn l-attriċi, Grazia, Giuseppe u Giovanni, aħwa Refalo, f'erba' porzjonijiet ugwali; (5) il-likwidazzjoni ta' l-assi partikulari ta' John Refalo; (6) id-diviżjoni ta' dan l-assi, billi tiġi assenjata l-leġittima lill-attriċi u lill-konvenut Giovanni Refalo, u l-bilanċ fi tliet porzjonijiet ugwali bejn il-konvenuti Grazia Refalo u Giuseppe Refalo, u wlied l-attriċi, fi tliet porzjonijiet ugwali a tenur tat-testment ta' John Refalo fuq imsemmi; (7) in-nomina ta' perit legali biex jagħmel il-likwidazzjonijiet u diviżjonijiet fuq mitluba, kuraturi biex jirrappreżentaw lill-kontumaċi, u nutar biex jirċievi l-att tal-qasma, u prevja, jekk hemm bżonn, il-liċitazzjoni tal-fondi stabbili i eżistenti fl-assi in diviżjoni. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-kawża hija prinċipalment intiża għal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-leġittima dovuta lill-attriċi; u peress li d-debituri tal-leġittima huma l-eredi, hemm bżonn li jiġi verifikat min huma legalment dawn l-eredi. Giovanni Refalo, b'testment għand in-Nutar Francesco Catania tad-29 ta' Mejju 1950, ħalla bħala eredi universali tiegħu lil uliedu Grazia u Giuseppe u lil ulied l-attriċi, f'partijiet u porzjonijiet ugwali; meta saret il-kawża dawn it-tfal ta' l-attriċi kienu kollha taħt l-età, u kienu jinsabu rappreżentati mill-imsemmija Grazia Refalo bħala kuratriċi "ad litem"; fil-mori tal-ġudizzju

wieħed minnhom, Carmelo Sammut, sar maġġjorenni, u b'nota tal-lum assuma l-atti tal-kawża;

Illi għall-fini ta' l-azzjoni odjerna mhux biżżejjed li wieħed ikun imsejjaħ għall-wirt, imma hemm bżonn li dana l-wirt ikun aċċettat, jew espressament jew anki b'mod taċitu. Ma jirriżultax li l-eredità ġiet aċċettata espressament; iżda l-fatt li l-eredi jinsabu mħarrkin f'din il-kwalità, u f'kawża li ma jistgħux altrimenti jsostnu ħlief fil-kwalità ta' eredi, mingħajr oppożizzjoni jew protesta, jimplika aċċettazzjoni taċita ta' l-eredità skond l-art. 891 (3) Kodiċi Ċivili. "Coll'intervenire alla divisione della sostanza ereditaria", qaleì il-Kassazzjoni ta' Firenze, "si viene ad assumere, se non espressamente, certo tacitamente, la qualità d'erede" (Fadda, Giurisprudenza Codice Civile Italiano, art. 934, § 94). U dina wkoll jidher li hija l-fehma tal-Qorti ta' l-Appell tar-Reġina in re "Bartolo vs. Merciera", deċiża fis-7 ta' Diċembru 1934;

Illi, però, dina l-interpretazzjoni mhix applikabili għal dawk il-kontendenti li huma inkapaċi skond il-liġi; għaliex l-atti minnhom magħmula ma jistgħux jippreġudikawhom, molto pjù meta għal dawn l-inkapaċi l-aċċettazzjoni tal-wirt ma tistax issir ħlief bil-benefiċċju ta' l-inventarju (art. 889 Kodiċi ċitat); u peress li kwalunkwe mod ieħor ta' aċċettazzjoni huwa null, ma jista' qatt jinduċi aċċettazzjoni taċita ta' eredità (Kollez. XXX—II—256; u Fadda, loc. ċit., § 112). Konsegwentement, ladarba ma jirriżultax li l-minuri Giovanni, Vincenza, Paolo u Emmanuele, aħwa Sammut, uniformaw ruħhom ma' l-art. 889 fuq ċitat, huma għadhom mhumiex eredi, u ma għandhomx il-kwalità meħtieġa biex jintervjenu fil-kawża odjerna;

Illi minn dan tinżel il-konsegwenza li eredi ta' Giovanni Refalo huma l-konvenuti Grazia u Giuseppe aħwa Refalo, u Carmelo Sammut, bin l-attriċi (arg. art. 96 Kodiċi ċitat); u għalhekk, "rebus sic stantibus", il-kwistjoni sollevata mill-perit legali dwar l-interpretazzjoni tal-vokazzjoni ereditarja u tal-kwoti li jmissu lill-eredi, hija mingħajr interess prattiku; salv li tista' terġa' tiġi sollevata jekk u meta t-tfal l-oħra ta' l-attriċi jkunu aċċettaw l-eredità;

Illi l-perit legali (fol. 66) issuġġerixxa li l-leġittima, f'lok

in natura, tiġi soddisfatta b'ammont likwidu. Dana, però, ma jistax isir, għaliex kontra l-liġi (art. 657 (1) Kodiċi ċitat), molto pjù li ma jirriżultax il-kunsens ta' l-interessati kollha, li minnhom il-konvenut Giovanni Refalo ma jistax jagħti dan il-kunsens għax rikoverat fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ. Di pjù, f'lok ipprovoka valutazzjoni regolari ta' l-uniku stabili eżistenti fil-wirt, stmah, għall-finijiet tal-leġittima, per mezz ta' kapitalizzazzjoni tal-kera, li mhux dejjem huwa kriterju żgur ta' valutazzjoni. Fl-aħħarnett, ladarba l-leġittima hija dovuta in natura, u jidher li l-fond mhux diviżibili komodament u mingħajr ħsara, huwa ġust li l-leġittimarji jibbenefikaw mill-konkorrenza tal-barranin fil-bejgħ ta' l-istess fond. Għalhekk lil-leġittimarju għandu jiġi assenjat wieħed minn tnax (1/12) kull wieħed mis-sustanzi kollha komponenti l-wirt ta' Giovanni Refalo;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Prevja konferma tar-relazzjoni peritali safejn kompatibili mal-motivazzjoni ta' din is-sentenza;

Tilliberа lill-konvenuti Giovanni, Vincenza u Paolo, aħwa Sammut, rappreżentati minn Grazia Refalo. u lill-eredità ġaċenti ta' Emmanuele Sammut, rappreżentata mill-kuraturi Avukat Dr. Eric P. Sammut u P.L. Giuseppe Borg, mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-attriċi;

Tilqa' l-ewwel domanda ta' l-attriċi, billi tillikwida l-assi soċjali konjugali..............;

Tilqa' t-tieni domanda ta' l-attriċi, billi tordna li dak l-assi jiġi diviż..............;

Tilqa' t-tielet talba, billi tillikwida l-assi partikulari ta' *Vincenza* Refalo ............;

Tilqa' r-raba' domanda, billi tordna li l-assi ta' Vincenza Refalo jiġi diviż..............;

Tilqa' l-ħames talba, billi tillikwida l-assi partikulari ta' Giovanni Refalo fis-sustanzi..............;

Tilqa' s-sitt talba ta' l-attriċi, billi tillikwida l-leġittima dovuta lilha u lil-konvenut Giovanni Refalo fit-1/12 parti mill-assi tad-decujus, u tordna l-assenjazzjoni in natura tas-sustanzi ereditarji korrispondenti, kif ukoll tordna li l-bilanċ

jiġi diviż bejn l-eredi, ċjoè l-konvenuti Grazia u Giuseppe aħwa Refalo, u Carmelo Sammut, f'porzjonijiet indaqs; salv dejjem il-konferiment dovut mill-istess Grazia Refalo;

Tilqa' s-seba' talba, billi tinnomina lin-Nutar Giovanni Carmelo Chapelle..............;

Tordna, il-ħabbarnett, li t-terran nru. 45 Barbara Street, il-Ħamrun, jinbiegħ fil-liċitazzjoni bl-ammissjoni ta' offerti barranin, fuq id-deskrizzjoni u stima li għandu jagħmel l-I.Ċ.A. Edgar Caruana Montaldo, għal dan l-iskop espressament nominat, a spejjeż provviżorjament ta' l-attriċi;

L-ispejjeż tal-kawża, barra dawk fuq deċiżi, jitħallsu fil-proporzjon tar-rispettiva kompartecipazzjoni fl-assijiet in diviżjoni, barra dawk relattivi għall-ħames u s-sitt domanda, u dawk tas-seba' domanda, in kwantu jirrigwardaw il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-leġittima, li għandhom jibqgħu għall-konvenuti Grazia u Giuseppe aħwa Refalo, u Carmelo Sammut, terz (1/) kull wieħed.